**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-13 ta' Gunju, 2019**

Kawza numru:- 198/2018 AM

Numru fuq il-lista:-03

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa**

**Vs**

**Daniel Camilleri (565094M)**

**176, Omega,**

**Triq San Martin,**

**Zurrieq**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-04 ta' Mejju, 2018 illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenut is-somma ta' elfejn tmien mija disgha u sittin ewro u tlieta u tmenin ewro (€2,869.83c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40630663;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2019, sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Illi fis-seduta tal-lum dan it-Tribunal gie infurmat mis-socjeta' attrici li l-ammont ghadu kollu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn tmien mija u disgha u sittin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€2,869.83c) bl-imghaxijiet legali mill-01 ta' Settembru, 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 2331/17, huma a kariku tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**